

## I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

## RAKKOMANDAZZJONIJIET

## IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-22 ta' Diċembru 2016

**lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Bank of Greece**

**(BĊE/2016/46)**

(2017/C 3/01)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma awditjati minn awdituri esterni indipendenti rakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat tal-awdituri esterni preżenti tal-Bank of Greece, KPMG Certified Auditors AE, intemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2016. Għalhekk huwa meħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2017.
- (3) Il-Bank of Greece għażel lil Deloitte Certified Public Accountants S.A. bhala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2017 sa 2021,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Huwa rakkomandat li Deloitte Certified Public Accountants S.A. għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni tal-Bank of Greece għas-snin finanzjarji 2017 sa 2021.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-22 ta' Diċembru 2016.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

---